# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 46

L-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2016

Il-Kunsill Lokali L-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sur Ruben Cassar | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 46.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**46.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji

## 46.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-45

**46.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 46.3 Punti mqajma mill-Minuti

**46.3.01** Ma kienx hemm punti diskussi mill-laqgħa preċedenti  u għalhekk il-laqgħa kompliet skond l-Aġenda.

## 46.4 Korrispondenza

**46.4.01** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 25/2016 – Sejħiet għall-Offerti li jinkludu Aċċessibilita.

**46.4.02** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 26/2016 – Kampanja 'Pink October 2016'.

**46.4.03** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 27/2016 – Skema ta' Finanzjament: Proġetti Kapitali – Iffirmar ta' Kuntratti.

**46.4.04** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 28/2016 – Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt.

**46.4.05** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 29/2016 – Struzzjonijiet lill-Kunsilli Lokali dwar Tilqim kontra l-Influwenza.

**46.4.06** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 30/2016 – Ilmenti mressqa quddiem Servizz.gov.

**46.4.07** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 31/2016 –  Inizjattiva ta' Taħriġ dwar l-Ordnijiet Permanenti.

**46.4.08** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 32/2016 –  Petty Cash

**46.4.09** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 33/2016 –  Asigurazzjoni tal-Assi

**46.4.10** Dipartiment għall-Gvern Lokali - Ċirkulari 34/2016 –  Proċedura tal-Bye-laws u ċ-Checklist.

**46.4.11** Dipartiment għall-Gvern Lokali – Direttiva 4/2016 –  Direttivi dwar Xandir Soċjali (Social Media) fil-Kunsilli Lokali.

**46.4.12** L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-laqgħa li jmiss għas-Sindki u Viċi Sindki ser issir nhar is-Sibt 5 ta' Novembru 2016 fil-Palazz Verdala, il-Ġonna tal-Buskett.

**46.4.13** Is-Sindki tal-Kunsilli Lokali tal-Għarb u San Lawrenz ipproponew li l-ġbir tal-iskart imħallat fil-borża s-sewda għandu jibda isir nhar ta' Tnejn u Ħamis flokk it-Tnejn u s-Sibt. Dan għar-raġuni li hemm ħamest t'ijiem mit-Tnejn sas-Sibt filwaqt li mis-Sibt għat-Tnejn hemm jumejn biss. Peress li l-iskart tat-tlett irħula jinġabar flimkien huma qed jipproponu sabiex anke l-Kunsill tagħna jikkonsidra din il-proposta.

Il-Viċi Sindku talab li jagħmel suġġeriment fejn qal li jkun aktar aħjar jekk il-borża s-sewda tinġabar tlett darbiet fil-ġimgħa kif qed isir f'diversi irħula oħra. Dan għar-raġuni li qed ikun hemm ħafna ilmenti peress li l-borża s-sewda qed tinġabar darbtejn biss.

F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara interess pekunjarju u għalhekk irtira mid-diskussjoni ta' dan is-suġġett.

Is-Sindku qal li huwa jaqbel mal-kontenut tal-emails tas-Sindki ta' San Lawrenz u l-Għarb u ippropona li aħna ukoll nimxu fuq l-istess linja u għalhekk l-iskart imħallat fil-borża s-sewda jibqa' jinġabar darbtejn fil-ġimgħa, jiġifieri kull nhar ta' Tnejn u Ħamis. B'hekk is-Sibt u l-Ħadd mhu se jinġabar ebda tip ta' skart. Is-Sindku qal li 'l quddiem jekk naraw li għandna l-ilmenti nikkunsidraw li nerġgħu nirrevedu din id-deċiżjoni.

Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isiru l-avviżi lir-residenti sabiex ikunu infurmati b'dan it-tibdil.

**46.4.14** Jean Claude Frecon mill-Congress of Local and Regional Authorities talab li jiltaqa' mal-Kunsill nhar L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2016 biex jiddiskuti dwar id-demokrazija fil-Kunsilli (Gvern Lokali). Il-Kunsill qabel li għandna nilqgħu fostna lid-delegazzjoni mill-Congress of Local and Regional Authorities.

## 46.5 Attivitajiet għal żmien il-Milied

**46.5.01** Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fi żmien il-Milied. Kif sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li għandhom jiġu organizzati l-attivitajiet fis-sala tal-parroċċa u fil-Museum. Fis-sala tal-parroċċa l-attivita ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Diċembru li tkun għal kullħadd filwaqt li l-Erbgħa 28 ta' Diċembru tkun għall-anzjani. Il-party għat-tfal li jsir fil-Museum ser isir nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru.

Il-Kunsill qabel li dawn l-attivitajiet isiru b'koperazzjoni mal-Kumitat tal-Festa. Il-librara Marvic Attard Briffa se tieħu ħsieb tikkordina sabiex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom isiru l-avviżi dwar dawn l-attivitajiet. Il-membri kollha tal-Kunsill huma mitluba jgħinu biex dawn l-attivitajiet jirnexxu.

**46.5.02** Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tiżjin dekorattiv għas-siġra tal-pjazza miexi u mistenni li jitlesta u għalhekk is-siġra se tkun mixgħula għal Milied. Dan ix-xogħol qed isir mill-Kumitat tal-Festa.

## 46.6 Tiġdid ta' kuntratt – Contracts Manager

**46.6.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-Perit Mario Cordina bħala Contract Manager se jagħlaq fl-aħħar ta' Novembru 2016. Dan il-kuntratt jista' jiġġedded għal sena oħra peress li din hija l-ewwel sena tiegħu. Il-Kunsill qabel li inġeddu l-kuntratt għal sena oħra u għalhekk ser ikun qed jagħlaq fit-30 ta' Novembru 2016.

## 46.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**46.7.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-046 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 46.8 Materja oħra

**46.8.01** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ħadd ma applika biex ikun nominat bħala Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Għalhekk din il-kariga għadha vakanti.

**46.8.02** Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana informa lill-Kunsill li l-lampi dekorattivi li hemm quddiem il-Knisja tal-Patroċinju jinsabu fi stat ħażin u hemm bżonn li jinbidlu. Il-Kunsill qabel li għandna niġbru stimi biex jiġu installati tnejn ġodda.

**46.8.03** Il-Kunsillier Joseph Farrugia informa lill-Kunsill li Modesta Cini ta' Triq Għammar talbet biex teħel lampa ġdida fi Sqaq San Publiju peress li huwa mudlam. Il-Kunsill qabel li naplikaw mal-Enemalta biex din il-lampa tkun tista' teħel.

**46.8.04** Preżenti f'dan il-ħin tal-laqgħa kien hawn Jean Paul Pagnoud resident ta' Sqaq il-Knisja. Is-Sur Pagnoud ilmenta dwar sinjali sofor li saru fl-istess sqaq u għalhekk ma jistax jipparkja l-karozza tiegħu. Huwa qal li hu biss jidħol bil-karozza f'dan l-isqaq u għalhekk m'hemmx skop għalfejn isiru sinjali sofor. Huwa qal ukoll li importanti għalih li jitla bil-karozza minħabba problemi ta' saħħa li għandu. Is-Sindku qal li hu mar fuq il-post biex jara x'inhi il-problema u jaqbel li għandhom jitneħħew is-sinjali sofor peress li ma jagħmlux sens. F'dan l-isqaq mhux possibbli li titla' ambulanza jew xi vettura oħra peress li huwa dejjaq ħafna. Fil-fatt il-karozza tas-Sur Pagnoud hija waħda żgħira ħafna u għalhekk jirnexxielu jitla' biha. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk se jitneħħew is-sinjali s-sofor.

**46.8.05** Is-Sindku ippropona li fi Triq Salvu Gambin qrib in-niċċa issir road hump peress li qed ikun hemm inċidenti tat-traffiku. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problema tat-traffiku f'din il-area u qabel li nitolbu lill-Perit Mario Cordina sabiex jagħmel proposti tat-traffiku biex wara li jiġu approvati mill-Kunsill nibgħatuhom lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

**46.8.06** Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud ipproponiet sabiex fi Triq il-Fanal (fejn kien hemm il-Bring in Sites) isiru wkoll road humps jew xi tip ta' road calming method. Dan għar-raġuni li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Peress li din hija triq li minnha tgħaddi l-karozza tal-linja l-Kunsill qabel li nitolbu l-parir ta' Transport Malta dwar x'jista' isir.

## 46.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

**46.9.01** Il-laqgħa intemmet fit-8.15p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016 fis-6.30pm.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 25 ta' Novembru, 2016

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Ruben Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv |